

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

P7_TA(2013)0579

Nisa b'diżabilitajiet

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar in-nisa b'diżabilitajiet (2013/2065(INI))

(2016/C 468/17)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'diżabilitajiet (UN CRPD), u d-dħul fis-seħħ tagħha fil-21 ta' Jannar 2011, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'diżabilitajiet (CRPD) ⁽¹⁾, u b'mod speċjali, l-Artikolu 6, dwar in-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) tat-18 ta' Diċembru 1979,
- wara li kkunsidra l-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 10, 19 u 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426) u l-pożizzjoni tal-Parlament dwarha tat-2 ta' April 2009 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2010 bl-isem "Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli" (COM(2010)0636) u d-dokumenti fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah, bl-isem "Pjan inizjali għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 – Lista ta' Azzjonijiet 2010-2015" (SEC(2010)1323 u SEC(2010)1324),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2010 bl-isem "Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali" (COM(2010)0758),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ta-3 ta' Diċembru 2012 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibilità tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku (COM(2012)0721),
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar karta tal-ipparkjar għall-persuni b'diżabilitajiet ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar "Il-promozzjoni tal-inklużjoni tas-suq tax-xogħol – L-irkupru mill-kriżi u t-tħejjija għall-Aġenda ta' Lisbona ta' wara l-2010",
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju tal-2010 dwar Qafas Ewropew ġdid dwar id-Diżabilità (10173/2010) u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilitajiet fl-Unjoni Ewropea (2008/C 75/01),

⁽¹⁾ ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.

⁽²⁾ ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

⁽³⁾ ĠU C 137 E, 27.5.2010, p. 68.

⁽⁴⁾ ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25.

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-iffunzjonar u l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 rigward id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (COM(2011)0166),
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-Kawża C-13/05 rigward id-Direttiva 2000/78/KE – L-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol – Kunċett tad-diżabbiltà ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 1988 dwar il-lingwi tas-sinjali għall-persuni nieqsa mis-smigħ ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 1989 dwar in-nisa u d-diżabbiltà ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 1992 dwar id-drittijiet tal-persuni li għandhom diżabbiltà mentali ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 1995 dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni b'diżabbiltajiet ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tad-9 ta' Mejju 1996 dwar id-drittijiet tal-persuni li jbatu bl-awtiżmu ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 1996 bit-titolu 'Karta tal-ipparkjar għall-persuni b'diżabbiltajiet – id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltajiet' ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' April 1997 dwar l-ugwaljanza tal-opportunità għall-persuni b'diżabbiltajiet ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2001 it-titolu "Lejn Ewropa Mingħajr Ostakoli għal Persuni b'Diżabbiltà" ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Settembru 2003 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Lejn strument legalment vinkolanti tan-Nazzjonijiet Uniti li jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet u d-dinjità ta' persuni b'diżabbiltajiet" ⁽¹⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2009 dwar il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet u tal-Protokoll mhux Obligatorju marbut magħha ⁽¹¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-Mobbiltà u l-Inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet u l-Istrateġja Ewropea dwar id-Diżabbiltà 2010-2020 ⁽¹²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE ⁽¹³⁾,
- wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2011-2020,
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ugwaljanza tas-Sessi u Poter lin-Nisa 2010-2015,
- wara li kkunsidra t-"Tieni Manifest dwar id-drittijiet tan-nisa u l-bniet b'diżabbiltajiet fl-Unjoni Ewropea ("Strument għall-attivisti u dawk li jfasslu l-politika"),

⁽¹⁾ ĠU C 224, 16.9.2006, p. 9.

⁽²⁾ ĠU C 187, 18.7.1988, p. 236.

⁽³⁾ ĠU C 158, 26.6.1989, p. 383.

⁽⁴⁾ ĠU C 284, 2.11.1992, p. 49.

⁽⁵⁾ ĠU C 17, 22.1.1996, p. 196.

⁽⁶⁾ ĠU C 152, 27.5.1996, p. 87.

⁽⁷⁾ ĠU C 20, 20.1.1997, p. 386.

⁽⁸⁾ ĠU C 132, 28.4.1997, p. 313.

⁽⁹⁾ ĠU C 21 E, 24.1.2002, p. 246.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 231.

⁽¹¹⁾ ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 111.

⁽¹²⁾ ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 9.

⁽¹³⁾ ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 25.

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0329/2013),
- A. billi 80 miljun ruħ b'diżabilitajiet, li minnhom madwar 40 miljun huma nisa u bniet, li jgħixu fl-Unjoni Ewropea għandhom hteġa sinifikattiva ta' ambjent fiżiku, intellettwali u soċjali aċċessibbli u mingħajr preġudizzju, mingħajr xkiel, ostakoli u sterjotipi li jtellfu mit-tgawdija sħiħa tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem bażiċi u taċ-ċittadinanza Ewropea; billi minn dawn it-80 miljun ruħ, 46 miljun minnhom huma nisa u bniet, li jikkostitwixxu 16 % tal-popolazzjoni tan-nisa u l-bniet totali tal-UE;
- B. billi huwa stimat li madwar biljun ruħ fid-dinja ⁽¹⁾ jgħixu b'diżabilitajiet u li 80 % minnhom jgħixu fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp; billi n-nisa b'diżabilitajiet huma żvantaġġati taħt ħafna aspetti billi jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet notevoli biex jiksibu l-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata, għall-kura tas-saħħa, għat-trasport pubbliku, għall-edukazzjoni, għat-taħriġ professjonali u għall-impjiegi, u jesperjenzaw disparità ta' aċċess għall-kreditu u għal riżorsi produttivi oħrajn u rarament jipparteċipaw għall-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
- C. billi l-għadd ta' persuni anzjani qiegħed jikber, li jfisser li l-għadd ta' persuni b'diżabilitajiet, inklużi nisa, se jiżdied b'konsegwenza; billi, skont id-WHO, il-prevalenza tad-diżabilità hija ogħla fost in-nisa u huma affettwati b'mod partikolari minn dan il-fenominu minħabba li l-istennija tal-għomor tagħhom hija itwal, billi, għalhekk, l-għadd ta' nisa b'diżabilitajiet se jiżdied bi proporzjon ikbar;
- D. billi ż-żieda fin-numru ta' persuni b'diżabilitajiet ser iżid il-piż fuq il-persuni li jindukraw, speċjalment dawk fi ħdan il-familja, li fil-biċċa l-kbira huma nisa li jsibu ruħhom obbligati li jnaqqsu l-ġranet tax-xogħol tagħhom u wkoll li jħallu s-suq tax-xogħol sabiex jieħdu ħsieb lill-membri familjari dipendenti fuqhom;
- E. billi l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa b'diżabilità hi fundamentali għas-soċjetà u l-ekonomija sabiex tiżgura s-suċċess tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal impjiegi u tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; billi l-persuni b'diżabilitajiet, in-nisa u l-bniet inklużi, għandhom jingħataw possibilitajiet u opportunitajiet ġusti u ugwali biex jipparteċipaw fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika tal-komunità; billi l-persuni b'diżabilitajiet għadhom isibu għadd ta' ostakoli differenti li jxekkluhom milli jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà, xi ħaġa li spiss twassal għall-esklużjoni soċjali u l-faqar u tillimita t-tgawdija sħiħa taċ-ċittadinanza Ewropea;
- F. billi d-diskriminazzjonijiet jistgħu jwasslu għall-iżolazzjoni u l-iżolament soċjali, trawma psikoloġika u dwejjaq;
- G. billi l-bażi għal kull assoċjazzjoni ta' stati demokratiċi hi l-faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kollha, kemm nisa kemm irġiel, fil-proċessi demokratiċi (l-aktar l-elezzjonijiet) il-ħolqien, fejn ma hemmx, tal-infrastruttura għal tali parteċipazzjoni u, għalhekk, il-promozzjoni tal-inklużjoni tan-nisa b'diżabilitajiet;
- H. billi l-partijiet interessati kolha għandhom jiżguraw aċċess ugwali tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet għas-servizzi pubbliċi tas-saħħa ta' kwalità, eż permezz tat-titjib tat-taħriġ vokazzjonali u tat-tagħlim matul il-ħajja tal-persunal mediku f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħteġijiet speċifiċi tagħhom, inklużi dawk relatati mas-saħħa sesswali u riproduttiva;
- I. billi nisa b'diżabilitajiet għandhom igawdu d-dritt għall-edukazzjoni, is-saħħa, l-impjeg, il-mobilità, l-ħajja tal-familja, ir-relazzjonijiet sesswali, iż-żwieġ u l-maternità, u s-salvagwardji li jiggarrantixxu dawn id-drittijiet;
- J. billi r-rappreżentanza fl-isfera pubblika ta' sħubija, sesswalità u maternità kif jesperjenzawhom in-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet tikkontribwixxi għall-isforzi ħalli jkunu miġġielda l-preġudizzju, l-isterjotipi persistenti u l-miżinformazzjoni; billi talli rappreżentanzi jistgħu jsiru b'varjetà ta' modi, b'mod partikolari bl-użu ta' mezzi artistiki u kulturali u l-mezzi tax-xandir;

⁽¹⁾ World Report on Disabilities 2011, prodott konġuntament mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-Bank Dinji.

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

- K. billi n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet huma ħafna aktar suxxettibbli li jkunu vittmi tal-vjolenza, u b'mod partikolari l-isfruttament domestiku u sesswali, u l-estimi juru li n-nisa b'diżabilitajiet għandhom 1,5 sa 10 darbiet aktar ċans li jiġu abbużati min-nisa mingħajr diżabilità⁽¹⁾; billi, skont jekk jgħix fil-komunità jew f'istituzzjonijiet, għandhom jittieħdu miżuri speċifiċi għat-trattament ta' dan il-fenomeni inskuzabbli li jikkostitwixxi reat u ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-aċċess sħiħ għas-servizzi ta' appoġġ għan-nisa kollha għandu jiġi pprovdut, peress li n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet ibatu minn dipendenza emozzjonali akbar, ibatu minn riskju akbar li jsiru vittmi ta' kull forma ta' vjolenza msejsa fuq il-ġeneru, livelli aktar baxxi ta' żvilupp personali u soċjali u injoranza mifruxa dwar is-sesswalità u l-għadd enormi ta' għajdut fuq din il-kwistjoni, li huma ta' ħsara kbira; billi ċ-ċifri juru li, bħala riżultat taż-żieda fil-faqar, l-isfruttament sesswali tan-nisa b'diżabilitajiet sar iktar komuni;
- L. billi n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet huma esposti għal diskriminazzjoni multipla minħabba inugwaljanzi marbuta mal-ġeneri, l-età, ir-reliġjon, l-etniċità, l-imġiba kulturali u soċjali u l-isterjotipi dwar in-nies b'diżabilitajiet li jeħtieġ li jiġu ttrattati; billi n-nisa b'diżabilitajiet ta' spiss huma diskriminati meta kkumparati ma' rġiel b'diżabilitajiet, f'dak li jirrigwardja l-aċċess għall-impjieg u l-edukazzjoni; billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jegħlbu dan il-fenomeni billi jimplimentaw l-integrazzjoni tal-ġeneri fl-oqsma rilevanti kollha tal-politika tad-diżabilità;
- M. billi hi r-responsabilità tal-awtoritajiet pubbliċi li jistabbilixxu servizzi pubbliċi speċjalizzati ta' standard għoli, biex b'hekk jagħtu lin-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet ambjent li jkun adattat b'modi tali li jkunu jistgħu jassumu bis-sħiħ drittijiethom u r-responsabilitajiet tagħhom u jieħdu deċiżjonijiet għalihom infushom, biex gradwalment isiru iktar indipendenti bl-istess mod bħal nies li ma għandhom l-ebda diżabilità; billi s-sitwazzjoni, l-infrastruttura, il-leġiżlazzjoni u l-istrutturi ta' appoġġ iwarjaw ħafna minn Stat Membru għall-ieħor;
- N. billi n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet jistgħu jgawdu biss id-drittijiet ugwali jekk kemm-il darba ssir ġustizzja tal-ġeneru, u jekk kemm-il darba l-amministrazzjonijiet tal-istat ikunu aċċessibbli għan-nisa b'diżabilitajiet kif inhuma għan-nies li m'għandhom l-ebda diżabilità; jinnota, madankollu, li l-prattika u l-implimentazzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneri tvarja ħafna fi ħdan l-UE;
- O. billi l-komunità ta' nies li għandhom diżabilità fiżika, mentali jew intellettuali waħda jew iżjed hija estremament eteroġena u għalhekk jeħtieġ li tkun trattata skont il-bżonnijiet individwali;
- P. billi r-rata għolja tal-qgħad fost il-persuni b'diżabilitajiet għadha inaċċettabbli; billi dan iwassal biex il-persuni b'diżabilitajiet, ikunu grupp vulnerabbli li hu iktar suxxettibbli li jbati mill-faqar, u jinsabu friskju ogħla ta' esklużjoni soċjali; billi n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet ikbar biex jidħlu fis-suq tax-xogħol, li jagħmluha iktar iebes għalihom biex jgħixu ħajja ordnata u indipendenti; billi l-impjieg mhumiex biss sors ta' dħul, iżda wkoll mezz ta' integrazzjoni fis-soċjetà billi jinħolqu rabtiet mad-dinja u jinholq network ta' relazzjonijiet interpersonali; billi n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet ta' spiss jitħallsu ftit wisq; billi l-ostakoli għall-mobilità kif ukoll dipendenza akbar fuq membri tal-familja u persuni li jindukraw jeħtieġ li jingħelbu sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fl-edukazzjoni, fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja soċjali u ekonomika tal-komunità;
- Q. billi iktar mal-Istati Membri jinvestu riżorsi fl-integrazzjoni tagħhom, iktar ikunu ta' suċċess in-nisa b'diżabilitajiet f'termini ta' għajxien indipendenti li jippermettilhom jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom;
- R. billi n-nisa b'diżabilitajiet li ġejjin minn sezzjonijiet iktar żvantaġġati tas-soċjetà kellhom inqas opportunitajiet biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jissodisfaw il-potenzjal tagħhom billi jeżerċitaw l-awtodipendenza;
- S. billi l-kriżi ekonomika u t-tnaqqis fl-infiq fuq il-kura tas-saħħa pubblika u fuq is-servizzi soċjali f'bosta Stati Membri kellhom konsegwenzi negattivi fuq il-gruppi vulnerabbli, speċjalment in-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet; billi kienu jinsabu friskju tal-faqar anki qabel il-kriżi; billi dawn il-politiki ta' awsterità wasslu għal inqas persunal għall-edukazzjoni speċjali u għall-appoġġ għal persuni b'diżabilitajiet, inqas appoġġ soċjali għal persuni li jindukraw, inqas benefiċċji

⁽¹⁾ Human Rights Watch: Human Rights for Women and Children with Disabilities (2012), p. 5.

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

soċjali għal persuni b'diżabilitajiet, finanzjament imnaqqas għal istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li jgħinuhom, u restrizzjonijiet fuq l-aċċess tagħhom għall-impjiegi fis-settur pubbliku, fejn dan kollu kellu impatt qawwi fuq il-ħajja ta' nisa b'diżabilitajiet u fuq il-prospetti tagħhom għall-indipendenza;

- T. billi hemm relazzjoni qawwija bejn il-mobilità, id-diżabilità u l-inklużjoni soċjali, speċjalment fir-rigward tal-libertà u l-aċċess għall-komunikazzjoni (inkluż il-Braille, il-lingwi tas-sinjali u modi alternattivi oħra ta' komunikazzjoni), il-libertà tal-moviment fl-oqsma kollha tal-ħajja u l-aċċess għas-servizzi; billi għandha tiġi promossa l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilitajiet f'kull qasam tas-soċjetà u jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, kif ukoll għar-robotika tad-dar u għas-soluzzjonijiet tal-midja online;
- U. billi mil-lat tal-inklużjoni soċjali u tal-ispejjeż, ikun iktar mixtieq jekk l-appoġġ mogħti mill-Istati Membri jkun b'tali mod li n-nisa b'diżabilitajiet jkunu jistgħu jkomplu jgħixu mal-familji tagħhom minflok li jiddaħħlu f'xi istituzzjoni;
1. Jenfasizza l-importanza tal-inklużjoni taċ-ċittadini kollha tal-UE, irrISPettivament minn kull impediment fiżiku, intellettwali, psikosoċjali jew mentali, u jitlob li jkunu f'fissati miri speċjali biex jiżguraw dan biex titjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni b'diżabilitajiet u biex titjeb il-politika koerenti permezz tal-parteċipazzjoni sħiħa ta' kulħadd; jenfasizza li l-istrateġiji, il-politiki u l-inizjattivi leġislattivi li jiggarrantixxu n-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs għandhom isiru bil-kollaborazzjoni attiva tal-partijiet interessati kollha involuti, inklużi n-nisa b'diżabilitajiet;
 2. Jinsisti li l-politiki dwar id-diżabilità għandhom jieħdu approċċ integrat għall-ugwaljanza tal-ġeneri u jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tad-diżabilità marbuta mal-ġeneru f'politiki, programmi u miżuri tal-ġeneru, biex jissaħħaħ ir-rikonoxximent u l-fehim tal-intersezzjonalità tal-ġeneru u d-diżabilità fl-UE u fil-leġislazzjoni u l-politika tal-Istati Membri; iqis li n-nisa b'diżabilitajiet għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fuq il-korpi xierqa bħala konsulenti jew esperti; jiddispijaċih dwar il-fatt li l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 ma tinkludix perspettiva li tintegra l-ġeneri jew kapitolu separat dwar politiki dwar id-diżabilità speċifiċi għall-ġeneri; jiddispijaċih bl-istess mod li l-Istrateġija ta' Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015 ma tindirizzax b'mod speċifiku l-kwistjoni tad-diżabilità, minkejja l-fatt li n-nisa b'diżabilitajiet ta' spiss isibu li għandhom żvantaġġ ikbar mill-irġiel b'diżabilitajiet u ta' spiss għandhom riskju ikbar għall-faqe u l-esklużjoni soċjali;
 3. Iħeġġeġ li daww l-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni tan-NU dwar Drittijiet in-Nies b'Diżabilitajiet u l-Protokoll mhux Obbligatorju tagħha ħalli jagħmel dan sabiex tkun implementat kompletament;
 4. Jenfasizza l-fatt li għadd kbir ta' studji wrew li n-nisa b'diżabilitajiet jsofru diskriminazzjoni doppja kemm minħabba l-ġeneru tagħhom kif ukoll id-diżabilità tagħhom, u jenfasizza li l-akkumulazzjoni ta' tali diskriminazzjoni għandha effetti negattivi partikolari fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, minħabba n-nuqqas attwali ta' dispożizzjonijiet speċifiċi, biex jinkorporaw dispożizzjonijiet għan-nisa b'diżabilitajiet fis-sistema ta' protezzjoni soċjali;
 5. Ifakkar lill-gvernijiet li mhix permessa d-diskriminazzjoni abbażi ta' diżabilità u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu sforzi aktar ambizzjużi biex jitneħħew l-ostakli li għad fadal;
 6. Ifakkar li l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet jistgħu jinkisbu biss jekk jiġi ffaċilitat il-moviment tagħhom f'ambjent fiżiku u soċjali li ma jkollux xkiel, u jitlob li jkun hemm sforzi f'dan is-sens;
 7. Jenfasizza r-rwol tal-assoċjazzjonijiet ta' għajnuna reċiproka li jgħaqqdu lin-nies u b'mod partikolari lin-nisa, li jieħdu ħsieb ta' persuni b'diżabilitajiet fil-familja tagħhom jew qribhom, kif ukoll ix-xogħol ta' żieda fil-kuxjenza mwettaq minn dawn l-istess assoċjazzjonijiet;
 8. Jenfasizza l-importanza li jiġi ottimizzat l-użu tal-istrumenti tal-UE għall-finanzjament, b'mod partikolari l-Fondi Strutturali, għall-promozzjoni tal-aċċessibilità u n-nondiskriminazzjoni rigward il-persuni b'diżabilitajiet, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lin-nisa li ta' spiss jaffaċċjaw diskriminazzjoni multipla, u lill-azzjoni biex tiżdied il-viżibilità tal-possibilitajiet ta' finanzjament għat-tali azzjonijiet fil-programmi għal wara l-2013;

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

9. Jenfasizza l-hteġa li l-informazzjoni dwar is-servizzi disponibbli għall-ħarsien taċ-ċittadin (l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ġustizzja, it-trasport, in-negozjati mal-amministrazzjoni, eċċ.) tiġi ffaċilitata fil-lingwaġġi, forum u formati kollha possibbli b'mod sempliċi u sikur; meta dawn is-servizzi jiġu offruti permezz tat-telefown jew tat-teleassistenza, dawn għandhom ikunu aċċessibbli wkoll għan-nisa neqsin mis-smiġh u dawk neqsin mis-smiġh u mid-dawl;

10. Jinsisti li l-inklużjoni tippresupponi li l-isterjotipi jkunu bbilanċjati bit-turija ta' stampi pożittivi permezz tal-użu ta' espressjonijiet kulturali u kampanji ta' sensibilizzazzjoni fejn tinholq preżentazzjoni oġġettiva tal-istampi ta' nisa b'diżabilitajiet u juru d-diversità kbira ta' rwoli li jistgħu jwettqu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum fis-soċjetà, kif ukoll billi jiffukaw, b'mod partikolari, fuq turijiet partikolari ta' diżabilitajiet fl-isfera pubblika, billi dan hu eżattament il-qasam li għadu lura; jinnotta li l-mezzi ta' komunikazzjoni għandhom rwol importanti fid-difużjoni tal-informazzjoni dwar in-nisa b'diżabilitajiet u għandhom jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' bidla pożittiva fl-attitudni pubblika lejhom, b'konformità mal-prinċipji u l-valuri tas-CRPD tan-Nazzjonijiet Uniti;

11. Jitlob lill-Istati Membri jikkunsidraw il-vjolenza sesswali bħala reat gravi soġġett għal prosekuzzjoni, b'mod partikolari fil-każijiet ta' nisa b'diżabilitajiet u b'mod speċjali nisa b'diżabilitajiet mentali, sabiex jitnaqqas l-għadd kbir ta' stupri rrapportati u l-każijiet ta' fastidju sesswali u vjolenza f'istituzzjonijiet kbar;

12. Jenfasizza li għall-prevenzjoni tal-ħabi, l-abbandun, in-negliġenza u s-segregazzjoni tal-bniet b'diżabilitajiet, għandhom jiġu promossi kampanji informattivi indirizzati għall-familji, li joffru informazzjoni dwar riżorsi komunitarji disponibbli għall-ħarsien u l-iżvilupp futur tagħhom, u għat-tneħħija tal-isterjotipi sessisti u diskriminatorji; jinnotta li fejn il-familja qariba ma tkunx kapaċi tieħu ħsieb tifel jew tifla b'diżabilitajiet, l-awtoritajiet għandhom jippruvaw jiggarantixxu li, bħala alternattiva, jingħataw ħarsien fi ħdan il-familja iktar wiesgħa jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fi ħdan il-komunità f'ambjent ta' familja; josserva li hu neċessarju l-istimolu tal-fostering u l-adozzjoni tat-tfal b'diżabilitajiet, li jiffaċilita l-proċedimenti burokratiċi u joffri informazzjoni u għajjuna xierqa lill-familji li jospitaw jew li jadottaw;

13. Jipproponi li, fl-isfera tal-akkomodazzjoni, jitqiesu konsiderazzjonijiet u miżuri arkitettoniċi u ambjentali oħrajn sabiex ikun imħaffef il-pass li bih ikun hemm ċaqliqa pożittiva minn "disinn għal ħtiġiet speċjali" lejn "disinn integrali u inklussiv għaċ-ċittadini kollha"; jinnotta, madanakollu, li l-aċċessibilità sħiħa u l-adattamenti rilevanti m'għandhomx ikunu objettiv biss fil-qasam arkitettoniku, iżda d-disinn universali għandu jkun objettiv fiss u realtà, speċjalment f'dak kollu li jirrigwarda l-ħtiġiet bażiċi tal-ħajja ta' kuljum tan-nisa b'diżabilitajiet; jenfasizza li jeħtieġ li jkun garantit l-aċċess għan-nisa b'diżabilitajiet fil-programmi tad-djar soċjali, b'mod individwali jew kondiviż, li joffrullhom għajjuniet ekonomiċi għall-eliminazzjoni tal-ostakoli fid-dar, li għandhom ikunu disponibbli wkoll għal dawk li jgħixu fid-djar tal-kiri; ifakkar, għalhekk, l-importanza li jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilitajiet jkollhom aċċess akbar għal kundizzjonijiet tal-ħajja diċenti, kemm fil-qasam tal-akkomodazzjoni, tal-kapaċità ta' moviment, tal-aċċess għas-servizzi pubbliċi u soċjali u ta' parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-aċċessibilità bla xkiel għan-nisa u l-bniet b'mobilità ridotta u għan-nisa u l-bniet għall-infrastruttura tat-trasport, il-vetturi u l-informazzjoni u l-formats ta' riservazzjoni; jinnotta li fost l-utenti tat-trasport pubbliku li għandhom diżabilità, in-nisa huma fil-maġġoranza meta mqabbla mal-irġiel; jenfasizza, għalhekk, li l-integrazzjoni tad-diżabilità u l-ġeneru huma essenzjali fir-rigward tat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-politiki tat-trasport, sabiex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs u tiġi evitata n-nondiskriminazzjoni tan-nisa b'diżabilitajiet; għalhekk jirrakkomanda l-involviment tagħhom, bħala esperti fil-qasam, bħala konsulenti tal-politika tat-trasport;

15. Jindika li l-aċċessibilità għall-internet u l-midja soċjali għandha wkoll tkun żgurata (eż. il-leġibiltà tal-websajts pubbliċi kollha għan-nies b'impediment għall-viżjoni, l-adattamenti għandhom jiġu orjentati, ukoll, għal tipi oħra ta' diżabilità li mhumiex ta' tip viżwali, bħall-adattament tal-kontenuti ta' kumplessità akbar sabiex il-persuni b'diżabilitajiet intelletwali jkunu jistgħu jifmuhom, l-integrazzjoni tal-vidjows li fihom jiġu spjegati l-kontenuti permezz ta' interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali); jesprimi t-tħassib tiegħu li l-aċċessibilità taċ-ċittadini għall-aġenziji tal-gvern u l-governanza elettronika għadha mhijiex garantita; isostni li l-persuni kollha b'diżabilitajiet, inklużi l-persuni ikbar fl-età b'diżabilitajiet ta' smiġh, li l-għadd u l-proporzjon tagħhom fis-soċjetà qegħdin jiżdiedu b'mod partikolari, skont l-estimi tal-WHO, għandhom jingħataw aċċess għal-litteriżmu diġitali; jilqa', għaldaqstant, il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar l-aċċessibilità tal-websajts tal-korpi fis-settur pubbliku;

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

16. Jisħaq li l-parteċipazzjoni demokratika hija parti mid-drittijiet fundamentali u ċivili tan-nisa b'diżabilitajiet u li għandha tiġi ffaċilitata u garantita; jitlob, għaldaqstant, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti kollha jagħtu faċilitajiet adegwament adattati u biex jagħtu s-setgħa lin-nisa fl-involvement u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom;

17. Ifakkar li l-Konvenzjoni tan-NU tippromwovi mudell tad-drittijiet tal-bniedem ta' "appoġġ fit-teħid tad-deċiżjonijiet" ibbażat fuq l-ugwaljanza u d-dinjità intrinsika tal-persuni kollha, minflok is-sistema ta' "sostituzzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet" li m'għadhiex tintuża; għalhekk, jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw ir-rappreżentanza tan-nisa b'diżabilitajiet fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jiżguraw li l-interessi u d-drittijiet tagħhom jitħarsu;

18. Iqis li n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet għandhom id-dritt li jiddeċiedu, kemm jista' jkun, dwar ħajjithom u htigijjithom, li għandhom jiġu mismugħa u kkonsultati u għandhom jiġu mħeġġa b'mod att biex ikunu indipendenti kemm jista' jkun, u jenfasizza l-fatt li dawn id-drittijiet għandhom jiġu garantiti wkoll f'istituzzjonijiet pubbliċi speċjalizzati f'kuntest ordinarju tal-ħajja; jenfasizza li assistenza personali hija mezz għall-għajxien awtonomu tagħhom u għalhekk għandha tiġi ffaċilitata u promossa għan-nisa b'diżabilitajiet meta jirċievu appoġġ f'istituzzjonijiet ta' taħriġ edukattiv u vokazzjonali, fuq il-post tax-xogħol, fil-familji tagħhom, u fil-każ ta' tqala u maternità;

19. Ifakkar li kull pass f'ħajja ta' mara ma jfissirx biss opportunitajiet iżda wkoll responsabilitajiet u f'dan is-sens, ta' spiss, in-nisa jridu jerfgħu piż sproporzjonat f'termini ta' tqala u meta jwelldu meta jkollhom jaffaċċjaw l-implikazzjonijiet negattivi tat-tqala, b'mod speċjali fil-każijiet fejn il-missier la jerfa' r-responsabilitajiet tiegħu u lanqas jikkontribwixxi għall-benessri u l-futur tat-tfal billi jkun abbanduna l-familja, u jfakkar li f'familja ż-żewġ ġenituri għandhom jaqsmu l-istess responsabilitajiet abbażi tal-ugwaljanza, ħliet jekk ma jkunx ftehm u mod ieħor b'mod reċiproku minn qabel;

20. Jinsisti li n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet għandhom ikunu infurmati bid-drittijiet tagħhom sabiex jkunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom stess; l-informazzjoni għandha tintbgħat b'mod aċċessibbli u li jinftiehem minnhom, b'kunsiderazzjoni tal-modi, mezzi u formati differenti ta' komunikazzjoni li huma jagħżlu u, fejn jixraq, il-grad ta' diżabilità intelletwali;

21. Jinnota li, għan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet b'mod partikolari biex jingħataw kura xierqa, hemm ħtieġa fis-settur mediku għal taħriġ speċifiku kontinwu u tul il-karriera fuq il-kwestjoni tal-mard/diżabilitajiet mentali, sabiex ikunu identifikati aħjar dawn il-kundizzjonijiet u l-pazjenti li huma affetwati bihom jingħataw kura effettiva mis-servizzi mediċi speċjalizzati u kompetenti f'dan il-qasam; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jiżguraw taħriġ speċjali għall-professjonisti kollha involuti man-nies b'diżabilitajiet, u jenfasizza li waqt it-taħriġ tagħhom, professjonisti tas-saħħa u għalliema għandhom bżonn jiġu mħarrġa u jsiru konxji dwar it-tipi kollha ta' diżabilità, filwaqt li jfakkar li xi wħud minnhom fit huma magħrufin minkejja l-prevalenza tagħhom;

22. Jinnota li l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali għall-persuni b'diżabilitajiet qed jiġu mwettqa fil-maġġoranza tal-Istati Membri b'mod separat u b'mod debole; jenfasizza l-importanza li n-nisa b'diżabilitajiet jiġu integrati fis-sistemi edukattivi u professjonali standard fil-każijiet kollha fejn id-diżabilità tippermetti din l-integrazzjoni;

23. Jenfasizza l-ħtieġa li bniet u nisa migranti b'diżabilitajiet jiġu appoġġjati sabiex jiżviluppaw il-ħiliet u l-potenzjal tagħhom fit-taħriġ vokazzjonali u biex jingħataw l-opportunitajiet biex jiksbu impjeg xieraq;

24. Jinnota li l-varji stadji fil-ħajja ta' mara – it-tqala hi wieħed minnhom – iwasslu għal sfidi speċifiċi li jridu jiġu ttrattati, u li meta n-nisa b'diżabilitajiet jagħmel dan għandhom igawdu l-istess drittijiet u opportunitajiet kif inhuma offruti lin-nisa mingħajr diżabilitajiet sabiex jiġi evitat kwalunkwe skoraġġiment tat-tqala; barra minn hekk, filwaqt li jitqiesu l-isfidi addizzjonali li jesperjenzaw in-nisa b'diżabilitajiet, jenfasizza li għandu jkollhom dritt għal liv tal-maternità għal perjodu itwal sabiex jadattaw għas-sitwazzjoni l-għda tagħhom u jiżviluppaw b'mod korrett il-ħajja familjari tagħhom; jinnota li l-isterilizzazzjoni sfurzata u l-abortion imġiegħel huma suriet ta' vjolenza kontra n-nisa u jikkostitwixxu forom ta' trattament inuman u degradanti li l-Istati Membri jridu jeqirdu u jikkundannaw bil-qawwa;

25. Jissottolinja li n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet għandu jiġu permess lilhom li jgawdu s-sesswalità tagħhom kemm jista' jkun liberament bħalma jgawduha nies mingħajr impedimenti, u jqis li n-nisa b'diżabilitajiet għandhom ikunu jistgħu jgħixu u jissodisfaw ix-xewqa li jkollhom l-ulied, kif jagħmlu n-nisa mingħajr diżabilitajiet; jenfasizza li sabiex il-bniet, iż-żgħażaġh u n-nisa b'diżabilitajiet ikunu responsabbli għas-sesswalità tagħhom, jeħtieġ li jkollhom aċċess għall-edukazzjoni emozzjonali u sesswali; għandhom ikunu jafu u jifhem l-funzjonament tal-ġisem (kif tiġi t-tqala u kif tista' tiġi evitata), kif

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

jirrifjutaw Prattiki sesswali li ma jixtiqux, kif jevitaw il-mard trażmess sesswalment, eċċ.; jenfasizza l-bżonn li jkun provdut appoġġ speċjalizzat, inkluża assistenza għall-indukrar tat-tfal, lil nisa b'diżabilitajiet, flimkien mal-familji tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jgawdu l-maternità b'mod komplet; isostni li l-Istati Membri għandhom, f'dan il-każ, jikkunsidraw b'mod partikolari l-bżonnijiet ta' nisa b'indeboliment intellettuali;

26. Iqis li hu vitali għal nisa u bniet b'diżabilitajiet li jkollhom aċċess sħiħ għall-kura medika li tkun tlaħħaq mal-ħtiġiet partikolari tagħhom, inkluża l-konsultazzjoni ġinekoloġika, eżamijiet mediċi, ippjanar tal-familja u appoġġ adattat għal matul it-tqala; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-dispożizzjoni tal-kura tas-saħħa pubblika nazzjonali tagħhom, tinkludi aċċess tajjeb għal dawn is-servizzi;

27. Jindika l-importanza tat-tqaċċit tal-preġudizzju, il-perċezzjonijiet negattivi u l-istigma soċjali u tal-inkoraġġiment tal-aċċettazzjoni soċjali, il-parteċipazzjoni soċjali, ir-rispett, it-tolleranza u t-tqegħid ta' valur fuq id-diversità umana; u b'mod partikolari jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni;

28. Jenfasizza li l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza sesswali jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet fundamentali; jenfasizza, fid-dawl tal-vulnerabilità estrema tagħhom, in-neċessità li jitħarsu n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet li jgħixu fi djar tal-kura u spartarjiet tal-mard mentali mill-attakki sesswali u forom oħrajn ta' maltrattament fiżiku li jistgħu jkunu vittmi tiegħu, u jindika bi tħassib in-nuqqas ta' data fuq dan il-fenomeni allarmanti; jitlob lill-Istati Membri jinvestigaw kemm hi mifruxa din il-problema, billi jinkoraġġixxu n-nisa b'diżabilitajiet li huma vittmi biex ma jibqgħux siekta; jinkoraġġixxi l-ġbir ta' dejta rilevanti b'mod kunfidenzjali, bil-ħsieb li jittieħdu l-miżuri xierqa meħtieġa biex jittrattaw il-problema; jistieden lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jwettaq studji dwar is-sitwazzjoni tal-bniet u n-nisa b'diżabilitajiet fir-rigward tal-vjolenza;

29. Jistieden lill-Istati Membri jipprevjenu l-fastidju fuq il-post tax-xogħol permezz ta' protokollu effettivi kontra l-molestja bi qbil mal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78/KE, sabiex titnaqqas il-frekwenza għolja ta' stupri rrapportati u l-każijiet ta' fastidju u l-vjolenza sesswali, kif ukoll l-isterilizzazzjonijiet furzati, b'mod partikolari f'istituzzjonijiet kbar;

30. Jenfasizza li f'ħafna pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp għadhom jeżistu ostakli gravi biex taħrab mill-vjolenza, tirrapporta tali reati u taċċedi għall-ġustizzja u għas-servizzi ġuridiċi u soċjali;

31. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri leġislattivi, amministrattivi, soċjali, edukattivi xierqa kollha biex jipproteġu lin-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet, kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar, minn kull sura ta' sfruttament, vjolenza u abbuż u li jiġi faċilitat l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja permezz tal-għoti ta' appoġġ u assistenza xierqa bbażata fil-komunità, billi jitiqesu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom, fosthom tagħmir ta' assistenza, sabiex jiġi evitat li jiġu iżolati u ristretti għad-dar; jemmen li, barra minn hekk, dawn is-servizzi u programmi kollha għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib minn awtoritajiet indipendenti; jiddispaċiħ li l-leġislażzjoni tal-UE u nazzjonali għall-prevenzjoni tal-isfruttament, tal-vjolenza u tal-abbuż ta' spiss ma tagħtix attenzjoni lid-diżabilità;

32. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tniedi strateġija komprensiva biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa, hekk kif mitlub mill-Parlament f'bosta riżoluzzjonijiet u l-aktar waħda riċenti fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' April 2011 dwar prijoritajiet u punti prinċipali ta' qafas politiku ġdid tal-UE rigward il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa⁽¹⁾; itenni l-ħtieġa li l-Kummissjoni tippreżenta strument ta' liġi kriminali leġislattiv biex jiġġieled il-vjolenza msejsa fuq is-sessi, fosthom il-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa b'diżabilitajiet f'każijiet ta' abbuż sesswali u vjolenza kemm fil-pubbliku kif ukoll fl-ambjent tad-dar;

33. Jinsisti li għandu jkun żgurat li n-nisa b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv għall-ġustizzja b'mod aċċessibbli, faċli u sikur, u li f'kull fażi tal-proċess ikunu jistgħu jiddependu fuq is-sistemi u t-teknoloġiji ta' appoġġ għall-komunikazzjoni orali li jagħżlu, inkluża l-preżenza ta' interpreti tal-lingwa tas-sinjali jew gwidi-interpreti għall-persuni neqsin mis-smiġh u mid-dawl, sabiex jiżguraw il-komunikazzjoni korretta mal-persunal tal-pulizija u l-ġustizzja; jissottolinja l-fatt li minħabba r-rati għolja ta' dipendenza li jbatu minnha ħafna nisa b'diżabilitajiet fuq il-persuna inkarigata biex tieħu ħsiebhom, li f'ħafna

(¹) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 26.

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

okkażjonijiet tkun dik li tattakkahom u tabbuża minnhom, għandhom jiġu żgurati forom indipendenti ta' komunikazzjoni man-nisa b'diżabilitajiet attakkati, sabiex joffru possibiltajiet ta' denunzja u derivazzjoni immedjata għal ċentri ta' attenzjoni integrali b'mod tranżitorju, sakemm id-denunzja tiġi solvuta b'mod ġudizzjarju; jipproponi l-introduzzjoni ta' proċeduri kriminali mfasslin speċifikatament biex jissodisfaw il-ħtiġiet ta' nisa u l-bniet b'diżabilitajiet, inkluż l-għoti ta' assistenza mill-NGOs; jisħaq li l-ebda xkiel ma jista' jfixkel l-aċċess tan-nisa b'diżabilitajiet għar-rimedji legali; f'dan ir-rigward jinnota li huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri effettivi sabiex jingħata aċċess lin-nisa b'diżabilitajiet għall-appoġġ li jistgħu jeħtieġu fl-eżerċizzju tal-kapaċità ġuridika tagħhom – appoġġ li, meta jkun meħtieġ, għandu jkun proporzjonali għall-ħtiġiet u l-kapaċitajiet personali, għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar id-drittijiet ċivili u politiċi; jinnota li huwa neċessarju wkoll li jkun hemm miżuri xierqa u effettivi ta' salvagwardja sabiex jiġi prevenut l-abbuż minn terzi persuni jew istituzzjonijiet tan-nisa b'diżabilitajiet fl-eżerċizzju tal-kapaċità ġuridika tagħhom, bħat-tweġiq ta' valutazzjoni imparzjali tan-neċessitajiet veri tan-nisa permezz tal-valutazzjoni ta' esperti indipendenti rikonoxxuti, b'kontrolli perjodiċi tal-miżuri adottati;

34. Jisħaq li kull ftehim ta' sterilizzazzjoni li jidħlu fih mara jew tfajla b'diżabilitajiet għandu jkun eżaminat minn terz imparzjali inkarigat li jivverifika li d-deċiżjoni tkun ittieħdet b'mod ġust, u, fl-assenza ta' indikazzjonijiet mediċi gravi, mingħajr eżekuzzjoni; jenfasizza wkoll li metodi ta' kontraċezzjoni qatt m'għandhom jiġu amministrati, jew tiġi interrotta legalment tqala, kontra l-volontà tal-mara jew it-tifla b'diżabilitajiet; jemmen li n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet għandu jkollhom id-dritt li joffru l-kunsens infurmat tagħhom u jifhmu l-prattika medika kollha; iqis li jekk mara jew tifla b'diżabilitajiet mhijiex kapaċi tagħti l-kunsens, il-kunsens għandu dejjem jiġi bbażat fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprevjenu u jikkundannaw każijiet ta' sterilizzazzjoni sfurzata ta' nisa b'diżabilitajiet;

35. Jinnota li t-terminoloġija użata biex tiddekrivi l-indebolimenti fiżiċi u dik għad-diżabilitajiet huma differenti u li l-attenzjoni għandha tkun diretta lejn id-diżabilitajiet minflok lejn l-indebolimenti f'termini mediċi, b'konformità mal-approċċ magħżul fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'diżabilitajiet u segwit mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja; jenfasizza li min iħaddem għandu jiffoka fuq il-ħiliet u l-abilitajiet tal-ħaddiema jew tal-applikanti b'diżabilitajiet;

36. Jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu u jiżguraw l-aċċess għan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet għal kull tip ta' edukazzjoni formali, informali u tul il-ħajja u għas-suq tax-xogħol, peress li għandhom jiġu mħeġġa jsegwu korsijiet ta' studju u jużaw teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ġodda, u jiġu appoġġati u mħeġġa jidħlu fis-suq tax-xogħol, u jenfasizza li talenti, fehmi u esperjenzi partikolari jistgħu jtejb u l-ambjenti tax-xogħol b'mod konsiderevoli; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu taħriġ u informazzjoni lill-għalliema, ħarrieġa, uffiċjali taċ-ċivil fl-ivell għoli u impjegaturi bil-ħsieb li jiġu implimentati proċessi ta' integrazzjoni soċjali mmirati lejn l-utilizzazzjoni tal-potenzjal u l-valur miżjud tan-nisa b'diżabilitajiet; jipproponi l-użu effettiv tal-Fond Soċjali Ewropew għat-titjib tal-livell ta' inklużjoni tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet fl-oqsma kollha tal-ħajja, bħall-aċċess għas-suq tax-xogħol, kif ukoll għat-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-faqar;

37. Jistieden lill-Istati Membri jirrevedu l-oqfsa leġislattivi u ta' politiki tagħhom fir-rigward tal-parteċipazzjoni tan-nisa b'diżabilitajiet u tan-nisa bi żvantaġġi intellettuali u diżabilitajiet mentali fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri attivi ta' politika tas-suq tax-xogħol għan-nisa b'diżabilitajiet li joffru għażliet għall-individwu, inkluż l-impjieg flessibbli, l-impjieg part-time u l-impjieg full-time, u li jqisu l-possibiltà li tingħata spinta lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) permezz ta' inċentivi finanzjarji u appoġġ ieħor biex ikun hemm bilanċ imtejjeb bejn il-ħajja professjonali u dik privata; Jenfasizza li n-nisa b'diżabilitajiet għandu jkollhom aċċess ekwu għall-finanzjament għall-ħolqien ta' intrapriżi żgħar u forom oħra ta' impjieg għal rashom, kif ukoll id-dritt li jagħżlu bejn diversi forom ta' impjieg; Igeġġeġ lill-Istati Membri biex jitgħallmu mill-aħjar Prattiki minn madwar l-Ewropa; jitlob lil min iħaddem biex jagħmlu aġġustamenti raġonevoli fil-postijiet tax-xogħol u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol sabiex ikun hemm fokus ikbar fuq il-provvista ta' inċentivi għall-persuni b'diżabilitajiet u biex dawn jiġu inklużi b'mod aktar attiv fis-suq tax-xogħol, bil-possibiltà li jinstemgħu każijiet individwali ta' diskriminazzjoni fit-tribunali industrijali bi qbil mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78/KE;

38. Jinnota li s-sistemi attwali tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'mod ġenerali ma jirnexxilhomx jevitaw rata għolja ta' abbandun tal-persuni b'diżabilitajiet, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lit-tfal b'diżabilitajiet jew ħtiġijiet speċjali f'kuntest edukattiv, sabiex tittejjeb l-integrazzjoni tagħhom u biex titnaqqas ir-rata ta' abbandun tal-iskola għal inqas minn 10 %;

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

39. Ihegġegħ lill-Istati Membri jipprovdu l-finanzjament u l-appoġġ neċessarju għall-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li jirrapreżentaw persuni b'diżabilitajiet, li għandhom rwol ewlieni fil-promozzjoni tad-drittijiet tagħhom u jenfasizzaw il-valur taċ-ċittadinanza attiva u l-parteciġazzjoni tagħhom fis-soċjetà;

40. Ihegġegħ lill-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ speċjalizzat neċessarju lill-familji tan-nisa b'diżabilitajiet, fil-forma ta' taħriġ u assistenza għall-carers f'kull livell possibli, u biex jistabbilixxi istituzzjonijiet ta' kura temporanja li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikunu mħarsa b'mod temporanju meta l-familji tagħhom ikollhom bżonn dan is-servizz;

41. Jissottolinja l-inugwaljanzi li jeżistu fil-faċilitajiet ta' infrastruttura għal nies b'diżabilitajiet fl-Istati Membri, jenfasizza l-ħtieġa li l-mobilità b'xejn fl-UE tkun garantita għan-nisa u għal bniet b'diżabilitajiet kullimkien, u li l-Istat Membru ta' destinazzjoni għandu jipprovdi lil dan-nisa b'faċilitajiet speċjali għal liema huma intitolati, fuq bażi uguali mal-persuni l-oħra b'diżabilitajiet;

42. Jiddeplora l-fatt li l-Kunsill għadu ma ffinalizzax il-ħidma tiegħu fuq l-abbozz ta' Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament uguali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, minkejja l-pożizzjoni tal-Parlament datata mill-2009; jistieden lill-Kunsill jiżgura li din il-leġiżlazzjoni tiġi adottata sa tmiem il-leġiżlatura parlamentari attwali;

43. Jinsisti li l-persuni b'diżabilitajiet speċjalment in-nisa, għandhom aktar ċans li jispiċċaw fil-faqar (skont l-OECD, kważi persuna b'diżabilitajiet minn kull erbġħa tgħix fil-faqar); ihegġegħ lill-Istati Membri jieħdu miżuri adegwati ħalli jipprevjenu lin-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet li jispiċċaw fil-faqar, u ħalli jiggarantixxu li jingħataw allowances u remunerazzjoni ta' diżabilità u jkollhom aċċess għas-servizzi soċjali u tas-saħħa, billi jiġu mfassla programmi nazzjonali xierqa u billi tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom permezz ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi; jinnota li l-periklu tal-faqar u l-qgħad hu partikolarment serju f'dak li jikkonċerna l-ommijiet waħedhom bi tfal b'diżabilitajiet; jindika li l-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneri u tal-opportunitajiet indaqs, flimkien mal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni li t-tfal b'diżabilitajiet u l-familji tagħhom jaffaċjaw, jikkostitwixxu strument li jista' jintuża biex jiġu miġġielda l-istigmatizzazzjoni, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, u li r-rabta bejn id-diżabilità, il-ġeneru, u l-faqar għandha tiġi kkunsidrata fil-politiki kollha li jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali;

44. Jitlob li s-sistemi pubbliċi tas-saħħa jidentifikaw lill-gruppi vulnerabbli bi ħtiġijiet speċjali u li jkunu mġammra bir-riżorsi u l-faċilitajiet ta' riferiment meħtieġa sabiex tingħata l-kura xierqa;

45. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lin-nisa mdahlin fiż-żmien, li ta' spiss jgħixu waħedhom u huma affaċċjati bl-iżvilupp ta' mard li jista' jwassal għal diżabilità, permezz tal-implimentazzjoni ta' programm ta' prevenzjoni u għajnuna;

46. Jenfasizza li l-introduzzjoni ta' miżuri ta' awsterità f'għadd ta' pajjiżi wassal għat-tnaqqs ta' sussidji u servizzi essenzjali u li f'dan il-kuntest in-nisa b'diżabilità jagħmlu parti minn grupp partikolarment vulnerabbli; jenfasizza wkoll li t-tnaqqs ta' finanzjament għal persuni b'diżabilitajiet u dawk li jindukrawhom – li ta' spiss huma nisa – se jaffettwa ħażin il-ħtiġijiet edukattivi, soċjali u ekonomiċi tan-nisa b'responsabilitajiet tal-familja; għalhekk jistieden lill-Istati Membri sabiex jadottaw miżuri maħsuba biex jeliminaw kwalunkwe ostakolu għal servizzi effiċjenti, aċċessibbli, ta' kwalità għolja u bi prezzijiet li jistgħu jintlaħqu min-nisa b'diżabilità;

47. Jindika li n-nuqqas ta' servizzi ta' kura tal-persuni b'diżabilitajiet bi prezzijiet raġonevoli, aċċessibbli u ta' kwalità għolja fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u l-fatt li x-xogħol tal-kura mhux maqsum b'mod indaqs bejn in-nisa u l-irġiel għandu impatt negattiv fuq il-kapaċità tan-nisa li jipparteċipaw fl-aspetti kollha tal-ħajja soċjali, ekonomika, kulturali u politika; f'dan ir-rigward jinsisti li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-persuni li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilitajiet, ta' spiss nisa, u li s-sehem tagħhom ikun smat fl-esperjenza professjonali tagħhom u jenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-Istati Membri jiġu mħeġġa biex, fis-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom u meta n-nies jirtiraw, jirrikonoxxu l-involvement u x-xogħol mhux imħallas ta' dawk, li ġeneralment huma nisa, li jieħdu ħsieb il-persuni b'diżabilitajiet; jinsisti li għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawn in-nisa sabiex ikun żgurat li jaqilgħu paga u pensjoni tal-irtirar xierqa; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tipproponi proposta leġiżlattiva dwar il-liv tal-persuni li jindukraw (jew liv għall-persuni dipendenti) li tippermetti lin-nies jieħdu żmien ta' liv biex jieħdu ħsieb dawk il-membri tal-familja li huma morda, diżabbli jew debbli u/jew li jibqgħu fl-impjieg tagħhom meta jieħdu l-liv biex jieħdu ħsieb membri tal-familja dipendenti fuqhom;

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

48. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw kampanji ta' tqanqil ta' kuxjenza fuq skala kbira ħalli n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet jkunu aktar viżibbli, u jaċċentwaw r-rwol ta' siwi li jista' jkollhom il-mezzi tax-xandir u l-internet fil-bini ta' stampa pożittiva tan-nisa b'diżabilitajiet u jħeġġuhom jasserixxu d-drittijiet tagħhom;

49. Jemmen li huwa fundamentali li l-Istati Membri jiżguraw li n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet jkunu indaqs quddiem il-liġi u jkunu intitolati għall-protezzjoni ġuridika indaqs u l-benefiċċji ġuridiċi indaqs, mingħajr ebda diskriminazzjoni; jemmen li kull diskriminazzjoni għall-raġuni ta' diżabilità u ġeneru għandha tiġi pprojbita, bil-kunsiderazzjoni tal-fatt li li t-tlaqqiġ ta' dawn iż-żewġ fatturi għandu impatt esponentzjali fl-inugwaljanza;

50. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, hi u tmexxi r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 u hi u telabora l-Lista ta' Azzjonijiet 2015-2020 marbuta mal-istess, li tiżvilupp approċċ li jkun aktar sensibbli għall-ġeneru;

51. Ifakkar fil-hteġa li l-politiki komunitarji dwar id-diżabilità jqisu l-prinċipju ta' ugwaljanza tal-ġeneri, sabiex jevitaw li l-inugwaljanzi diġà eżistenti jkomplu jew jiżdiedu matul l-iżvilupp tagħhom; jenfasizza l-hteġa li jiġu stabbiliti indikaturi li jirriflettaw l-aspetti tad-diżabilità u l-ġeneru konġuntament; jemmen li n-nuqqas ta' indikaturi jostakola l-għarfien korrett tar-realtà li jaffrontaw in-nisa b'diżabilitajiet; jistieden lill-Kummissjoni sabiex fl-investigazzjonijiet futuri dwar in-nisa u d-diżabilità jkollha l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet infushom b'diżabilitajiet f'dawn l-istudji;

52. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jadottaw direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni bl-għan li tneħħi l-ostakoli fl-oqsma kollha ta' kompetenza tal-UE li jxekklu l-persuni b'diżabilitajiet u, partikolarment, nisa u bniet b'diżabilitajiet milli jilhqqu l-potenzjal sħiħ tagħhom għall-parteċipazzjoni u l-indipendenza soċjali;

53. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi volontarji li jappoġġjaw id-diversità umana u jipprovdu finanzjament adegwat lill-NGOs li jaħdmu fuq din il-kwistjoni;

54. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru statistika dettaljata u affidabbli f'partijiet dwar il-ġeneru għal riċerka mmirata dwar is-sitwazzjoni reali li qed isibu ma' wiċċhom il-persuni b'diżabilitajiet, li hi ta' importanza kruċjali għat-tfassil ta' politiki effiċjenti sabiex tiġi indirizzata l-intersezzjonalità bejn il-ġeneru, id-diżabilità u l-vjolenza; jemmen li n-nisa b'diżabilitajiet għandhom ikunu involuti fil-ġbir ta' tali data; iqis ukoll li l-istudji kollha dwar il-persuni b'diżabilitajiet jeħteġ li jqisu l-aspett tal-ġeneru, u l-istudji dwar in-nisa u l-bniet jeħteġ bl-istess mod li jqisu l-aspett tad-diżabilità;

55. Jisħaq li d-diversità tarrikkixxi lis-soċjetà;

56. Jinnota li d-dinjità umana hija invjolabbli u għandha tkun rispettata u mħarsa;

57. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi adottat approċċ sensittiv għall-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru għad-diżabilità fl-aġenda ta' żvilupp ta' wara l-2015;

58. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jintegraw, b'mod koordinat, id-diżabilità fil-politiki ta' żvilupp u fil-proġetti u jippromwovu strateġija komprensiva biex tnaqqas il-faqar fil-programmi ġeografiċi ddedikati lin-nisa b'diżabilitajiet, bil-għan li jiġi żblukkat il-potenzjal ekonomiku tagħhom; jenfasizza li r-riforma agrarja trid tiggarrantixxi l-parità tal-ġeneru fil-proprjetà tal-artijiet, anki għan-nisa b'diżabilitajiet;

59. Jitlob lill-Kummissjoni u lis-SEAE jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ biex jivvalutaw l-impatt tal-politiki tagħhom dwar in-nisa b'diżabilitajiet fl-ivell nazzjonali; jistieden lill-UE ssostni l-impenn tal-pajjiżi sħab fl-abbozzar u fl-implimentazzjoni ta' liġijiet dwar ix-xogħol, f'konformità mas-CRPD u l-Konvenzjoni ILO 159;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi inizjattivi intiżi li jsaħħu l-kapaċitajiet tal-partijiet interessati biex jimplimentaw b'mod effikaċi l-impniji internazzjonali fil-qasam tal-iżvilupp inklużiv tad-diżabilità, f'konformità mal-oġġettivi tas-CRPD; jirrakkomanda li l-UE tippromwovi l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilitajiet fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet internazzjonali u nazzjonali;

61. Jinnota li s-sitwazzjonijiet ta' riskju u l-emerġenzi umanitarji jagħmlu l-kundizzjonijiet ta' sigurtà u protezzjoni tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet aktar diffiċli, u jnaqqsu b'mod konsiderevoli l-possibilitajiet ta' sopravivenza; jenfasizza li n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet isibu ruħhom f'pożizzjoni ta' vulnerabbiltà ogħla min-nies l-oħra, qabel, waqt u wara li tinholq sitwazzjoni ta' riskju bħall-kunflitti armati, territorji okkupati, diżastri naturali u emerġenzi umanitarji; jinsisti li huwa meħteġ li l-aġenziji nazzjonali u internazzjonali responsabbli mis-saħħa pubblika, isiru konxji mill-preparazzjonijiet għal

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013

sitwazzjonijiet ta' diżastru, l-ghajjuna ta' emerġenza u l-ghajjuna umanitarja, dwar id-drittijiet u l-ħtiġiet speċifiċi ta' nisa u bniet b'diżabilitajiet u dwar il-ħtieġa li jkollhom riżorsi umani u materjali biex jiżguraw il-benefiċċju tal-aċċessibilità universali u opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet f'sitwazzjonijiet ta' riskju u emerġenza, biex b'hekk jiġi evitat in-nuqqas ta' attenzjoni tagħhom u/jew intervenzjonijiet mhux xierqa possibbli;

62. Jenfasizza l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jirrikonoxxu l-importanza li jħeġġu l-kooperazzjoni internazzjonali sabiex jappoġġjaw l-isforzi nazzjonali għall-konformità tad-dritt tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet li jgawdu, bis-sħiħ u b'kundizzjonijiet indaqs, mid-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom; jinsisti li l-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali għandhom ikunu inklużivi għan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet, għaliex huwa meħtieġ li l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi (imħalltin jew speċifiċi) jiġu involuti b'mod dirett fid-disinn, l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politiki ta' kooperazzjoni li jitniedu fuq livell lokali, nazzjonali, komunitarju jew internazzjonali, permezz tal-iskambju u d-distribuzzjoni tal-informazzjoni, l-esperjenzi, il-programmi ta' taħriġ u l-aħjar prattiki;

63. Jenfasizza l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jinkoraġġixxu l-fatt li l-politiki, il-programmi u l-proġetti ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom jinkludu l-ġeneru u d-diżabilità bħala kawża trażversali, li tiggarantixxi għaldaqstant li jiġu elaborati proġetti speċifiċi li jippromwovu l-oportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilitajiet b'mod partikolari n-nisa u l-bniet; jenfasizza li l-Kummissjoni, il-Parlament, in-NU, l-aġenziji speċjalizzati u l-aġenziji donaturi internazzjonali, nazzjonali u lokali l-oħra, fost il-prijoritajiet tagħhom għandhom jinkludu l-finanzjamenti ta' programmi mmirati lejn in-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet, bl-għoti ta' fondi għal dan fil-programmi ġenerali u bl-għoti ta' finanzjamenti għal programmi jew komponenti ta' programmi mmirati lejn in-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet; iqis li l-UE għandha tinkludi d-drittijiet tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet fil-kooperazzjoni bilaterali u ma' pajjiżi terzi fuq terminu twil mal-amministrazzjonijiet lokali, sabiex joffru appoġġ ekonomiku mmirat lejn il-politiki multilaterali ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, permezz ta' assistenza ekonomika lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, fil-kofinanzjament ma' NGOs fl-UE u ta' partijiet oħra tad-dinja, u mal-politiki li għandhom x'jaqsmu mal-ghajjuna umanitarja;

64. Jinsisti li għandha tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni attiva Ewropea tan-nisa b'diżabilitajiet permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħha (speċjalment tal-Forum Ewropew għad-Diżabilità, tal-Lobby Ewropew tan-Nisa u l-membri nazzjonali rispettivi tagħhom) fil-monitoraġġ tat-trattati internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, bl-għoti ta' informazzjoni dwar rapporti alternattivi li jistgħu jqisu s-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom b'mod intersezzjonali;

65. Jemmen li hu essenzjali li jiġi żgurat il-fatt li r-rapporti perjodiċi tat-trattati tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE u l-Istati Membri tagħha jinkludu informazzjoni dwar in-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet, fir-rigward ta' kull wieħed mid-drittijiet, inkluża s-sitwazzjoni attwali fil-fatt u bi dritt u l-informazzjoni dwar il-miżuri meħuda għat-titjib tas-sitwazzjoni tagħhom, kif ukoll id-diffikultajiet u l-ostakoli li sabu, speċjalment fil-qasam rurali; jemmen li din il-prattika trid tiġi estiża mal-istituzzjonijiet kollha li jaħdmu għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem kemm fil-qafas Ewropew, kif ukoll nazzjonali, inklużi l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilitajiet u l-familji tagħhom, tan-nisa inġenerali jew tan-nisa b'diżabilitajiet;

66. Jemmen li fir-rigward tat-tibdil tas-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet, waħda mill-isfidi prinċipali hi l-inklużjoni tad-diżabilità fil-programmi, il-miżuri u l-politiki kollha dwar il-ġeneru, kif ukoll fid-disinn u l-iżvilupp ta' miżuri ta' azzjoni pożittiva sabiex jintlaħaq il-progress tagħhom, minħabba s-sitwazzjoni tagħhom ta' żvantaġġ;

67. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill tal-Ewropa u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU.